MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2009

Numru. 57/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR JEFFREY CILIA**
**VS**
**JEANFRED VELLA**
**NOEL GRECH**
**STEFANO CARUANA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Jeanfred Vella ta’ 18 il-sena bin Edwin u Anna nee Frendo imwieled Pieta fit-3 ta’ Novembru 1984, residenti 4, Sqaq 1, Triq San Mikiel Bormla u detentur tal-karta tal-identita numru 531184(M);
Noel Grech ta’ 22 sena, bin Jacob u Carmen nee Brignone, imwieled Pieta fid-29 ta’ Gunju 1980 u residenti 16, Triq Gulliermu Bormla u detentur tal-karta tal-identita numru 306280(M); u
Stefano Caruana ta’ 22 sena, bin Louis u Antonia nee Caruana, imwieled Pieta fl-20 ta’ Jannar 1981 u residenti

29, Flat 3, Triq San Mikiel Bormla u detentur tal-karta tal-identita numru 65981M
Talli nhar is-16 ta' Frar 2001 f'xi hin bejn l-10pm u l-11.30pm f'Wied il-Ghajn, ikkommettew serq ta' car stereo tal-ghamla Sonashi bin-numru serjali XM38431918 minn go vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni HAI 364, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin, uxorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Mario Cutajar.

Talli nhar is-17 ta' Frar 2001, f'xi hin bejn is-2.30am u l-4.30am f'Paceville, ikkommettew serq ta' car stereo tal-ghamla Clarion bin-numru serjali CL0290W0152350 u basket kontenenti xi hwejjeg minn go vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni FBM 053, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Josef Caruana.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe dak ta' serq tar-roti ta' vettura tal-ghamla Escort bin-numru tar-registrazzjoni DBC 912, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa u valur li jeccedi l-mitt lira maltin izda mhux l-elf lira maltin ghad-detriment ta' Matthew Sciortino.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe dak ta' serq ta' roti ta' vettura tal-ghamla VW Polo bin-numru tar-registrazzjoni RVR 151, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidetanli u indipendenti mil-volonta taghhom, u li kieku sehh kien jkun ikkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa u valur li jeccedi l-mitt lira maltin (Lm100) izda mhux l-elf lira maltin ghad-detriment ta' Jason Attard.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli, liema hsara jeccedi l-hamsin lira maltin izda mhux il-hames mitt lira maltin ghad-detriment ta' Josef Caruana.

Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement b'kull mod li jkun, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

**Rat is-sentenza tat-28 ta' Lulju 2003, fil-konfront ta' l-imputat Jeanfred Vella (ara fol.70 et seq.);**

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali fil-konfront ta' Noel Grech u Stefano Caruana taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputati (fol.136);

Rat il-verbal tal-26 ta' Mejju 2006 fejn l-imputati ma sabux oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti;

Rat ir-rapporti tal-Probation Officers ta' l-imputati Dok.ML1 u Dok.ML2;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fl-istqarrija ta' l-imputati, Stefano Caruana Dok.JC1 (a fol.34 et seq.) u ta' Noel Grech Dok.JC2 (a fol.37), iz-zewg imputati ammettew pjenament l-involviment taghhom fis-serqiet illi bihom gew mixlijin fil-kawza odjerna.

Illi, di piu', fl-istess xhieda ta' l-imputat Stefano Caruana, minkejja titubagini inizzjali, dan jispicca biex jiddikjara pjenament, fil-kontro ezami, illi huwa kien ammetta fl-*istatement*, u li dak illi qal fl-*istatement* kien il-verita'.

Illi din il-Qorti taghraf illi l-imputati, li kienu ghadhom ta' eta' giovanili, kienu fi zmien indikat fl-akkuza, *habitual drug users* u kienu jisirqu kull ma jigi ghal idejjhom sabiex ikollhom il-flus biex ifornu l-vizzju ikrah taghhom. Illi minn dakinhar 'l hawn, l-imputati gew segwiti mill-abbli Probation Officer, Marietta Lanzon, u ghamlu programmi ta' Rijabilitazzjoni Kontra d-Drogi u ghajr ghal xi incident zghir, ma nfethux kawzi kriminali ohra kontra taghhom (ara fedini penali aggornati ta' l-imputati).

Ir-rappori tal-Probation Officer Dok.ML1 u Dok.ML2, huma dettaljati hafna u taw sfond shih ta' l-istorja ta' dawn iz-zewg imputati li hija wahda xejn felici. Illi l-imputati, pero' bil-ghajnuna tal-programmi rijabilitattivi u bl-isforzi ammirevoli ta' Marietta Lanzon, irnexxielhom jeghelbu l-vizzju tad-droga u d-dipendenza ukoll fuq l-alkohol u llum il-gurnata it-tnejn ghandhom familja u xoghol stabbli.

Illi l-Qorti qieset fit-tul dwar il-piena propizja u proporzjonata f'dan il-kaz, ghar-reati illi bihom jinsabu mixlijin u taghraf illi f'dan l-istadju, piena karcerarja ser ihott kull xiber ta' progress illi l-imputati ghamlu b'tant diffikulta.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti, waqt illi ssib lill-imputati, Stefano Caruana u Noel Grech hatja skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 270, 271, 278, 280, 281, 325 u 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputati taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tlett snin, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Il-Qorti tfakkar lid-Direttur tal-Probation Services illi l-Probation Officer Marietta Lanzon kienet ga assenjata bhala Probation Officer ta' l-imputati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------